**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 64 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Spettur Frank Anthony Tabone**

**vs**

**Ersilia Gauci**

Illum, 28 ta' Lulju, 2020.

Il-Qorti,

Rat dak li gie verbalizzat mill-avukat difensur tal-appellanti fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2020 fejn talab lil din l-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Avukat Generali irriserva li jipprovdi dwar tali talba wara s-smiegh tax-xhieda proposti mir-rikorrenti

Rat illi id-difiza ezentat lil Dr Moses Camilleri milli jaghti x-xhieda tieghu stante li ma setax jattendi fil-jum tas-smiegh.

Semghet lil **Probabtion Officer Marilyn Attard** tixhed fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2020 u din stqarret li bdew il-proceduri sabiex ir-rikorrenti tibda' programm sabiex tindirizza il-problema li hija ghandha ta' abbuz ta' droga pero' ghadha ma gietx allokata post.

Semghet lir-rapprezentant tal-habs u cioe' lil **Helenio Galea** jixhed u jghid li r-rikorrenti ilha il-habs sa minn meta inghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati u

cioe nhar l-14 ta' April, 2019. Qal li appena giet ammessa fil-facilita korrettiva ta' kordin kienu hadulha kampojun tal-awrina u din kellha risultat positiv ghad -droga Eroina u Kokaina. Jghid li pero fl-24 ta' Gunju, 2020 hadu kampjun iehor u din id-darba ir-risultat kien wiehed negattiv ghal presnenza ta' dorga. Qal li l-imgieba taghha il-habs huwa wiehed tajjeb u taghmel dak kollu li tigi mitluba taghmel. Qal li tghin fit-tindif .Mistoqsija jekk kellhiex xi rapporti waqt li qeda l-habs jghid li kellha rapport wiehed ta' importanza zghira.

**Sarah Debattista** hija l-care worker tar-rikorrenti u tahdem mal-prigunieri fil-habs u din spjegat illi hija qeda tipprova tghin lir-rikorrenti tindirizza il-problema akuta li hija ghandha ghat-tehid ta' droga. Qal li ghamlet esami biex tara x'inhuma l bzonnijiet taghha u ghamlet pjan ta' kura ta' tlett xhur biex tghinha. Spjegat li r-rikorrenti ghandha zewg problemi maggorenni u cioe li ghandha nuqqas ta' fiducja fil-persuna taghha,thossha hazin fil-konfront ta' uliedha u ghandha sens ta' guilt kbir minhabba dan il-vizzju taghha fir-rigward ta' uliedha. Mistoqsija jekk ir-rikorrenti ghandhiex motivazzjoni biex tibda dan il-programm ta' rihabilitazzjoni tghid li ghadu kmieni biex tklun certa dwar dan pero' kienet ir-rikorrenti stess li talbet l-ghajnuna biex tindirizza dan il-vizzju. Qalet li kollox jiddependi minnha jekk tridx taghmel il-programm jew le.

Semghet ill-partijiet jittrattaw it-talba u dan fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2020.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti dejjem ghamlet minn kollox sabiex tghin min vera ried jindirizza il-problema ta' droga u dan ghaliex tifhem li mhiex haga facli pero' trid tkun konvinta li hemm ir-rieda tajba. Jidher li r-rikorrenti tixtieq tinghta ic-chance li tindirizza din il-problema bis-serjeta tant li ghalet din il-prezenti talba sabeix din il-Qorti tikkonverti ruhha fi drug court .

Illi huwa minnu li r-rikorrenti ammettiet ghal akkuzi kif moghtija mill-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti pero' intavolat appell quddiem din il-Qorti fir-rigward tal-piena imposta.

Jirrizulta li huwa veru li r-rikorrenti ghandha fedina penali reflettarja u ilha fil-hajja ta' kriminalita sa mis-sena 1992 kwazi ghoxrin sena u jirrizulta li l-problemi principali taghha huma relatati mad-droga apparti xi ksur ta' disposizjonijiet tal-Ordinanza tat-traffiku kif jirrizulta minn ezami tal-fedina penali taghha esbita fl-atti tal-process. Li hu zgur hu li fis-sena 1992 ir-rikorrenti kellha l-ewwel conviction dwar pusess ta' droga Eroina u ghalhekk l Qorti tispjega li din il-problema ta' tehid ta' droga ilha fuq l-appellanti ghal dawn l-ahhar tmintax il-sena zgur.

Illi jidher li f'dawn l-ahhar tlett xhur r-rikorrenti zammet il-boghod mit-tehid tad-droga ghalkemm huwa veru li kienet tinsab f'konfini maghluqa. Ghalhekk kollox jiddependi kif ser iggib ruhha barra mill-konfini tal-habs una volta din il-Qorti tigi biex tilqa' it-talba taghha.

Ikkunsidrat.

Illi sabiex din il-Qorti tilqa' it-talba ghal konversjoni f' Qorti ta' Droga trid l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom giet akkuzata l-imputata jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) u cioe' li l-imputata giet akkuzat b':-

(a) reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;

(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Illi mis-seuspost jidher li r-reati li bihom giet akkuzata ir-rikorrenti ghandhom piena li ma teccedix is-sebgha snin prigunerija u mhumeix reati kommessi kontra l-persuna u hemm cirkostanzi oggettivi li jidnikaw li r-rikorrenti verament tixtieq tbiddel hajjitha u tibda it triq it-tajba.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna appellata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6 ta' l-istess kapitolu 537 tal-Ligijeit ta' Malta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur